# PRECA BĦALA FILOLOGU *

*Ta'* A. CREMONA

Mitlub mill-Kumitat ta' din il-Laqgħa biex nieħu sehem f'din it-Tifkira, li qiegħda ssir b'ġieħ il-Kittieb Malti ANNIBALE PRECA f'għeluq il-ħamsin sena mill-mewt tiegħu, u nitkellem fuqu bħala studjuż ta' dik il-fergħa li tagħmel mill-filoloġija Maltija, jien deherli li, biex nidħol f'dan il-kamp hekk imwiegħer, ikolli nħares lejn ix-xogħol ta' PRECA minn kull naħa ta' żmien u ċirkostanzi li fihom għax u kiteb, qabel ma nfisser l-apprezzament tiegħi fuq il-merti ta' l-istudji filoloġiċi tiegħu li fuqhom wara kollox diġa' fissru ruħhom sew xi studjużi Maltin kemm ukoll xi orjentalisti ta' barra.

PRECA twieled u għax, tista' tgħid, fi żmien wieħed ma' Max Müller, ma' dak li bl-istudji tiegħu, kien fetaħ triq ġdida għall-istudju xjentifiku ta' l-ilsna, jiġifieri għall-istudju tal-filoloġija komparata. L-istudji ta' PRECA kienu għalhekk imsejsin fuq prinċipji u applikazzjonijiet qodma billi huwa kien għad ma trawwamx fuq dawk tax-xjenza ġdida ta' l-ilsna, jiġifieri tal-lingwistika, li kienet għadha ma daħletx sewwa u ma rabbietx l-għeruq fost l-istudjużi tal-filoloġija.

Għalkemm PRECA, kif għidna, kien għax fi żmien wieħed ma' Max Müller, it-teoriji ta' dan kienu għadhom fin-nieqa u kien għad irid igħaddi wisq żmien biex l-istudjużi jħaddmu l-prinċipji tax-xejnza filoloġika tiegħu. Id-djalettoloġija ma kinetx daħlet biex tagħmel sehem sewwa fix-xjenza tal-lingwa qabel is-seklu għoxrin, għalkemm fil-bidu tas-seklu dsatax kienet inxteħtet l-ewwel żerriegħa tagħha bil-grammatiki ta' De Dombay (1880) u ta' Caussin de Perceval (1843) għall-Ilsien Għarbi u ta' l-Avolio u ta' l-Ascoli għat-Taljan u għall-Isqalli.

Fil-moħħ ta' l-istudjużi tas-seklu dsatax kien għad hemm taħdem fil-fehma illi l-Lhudi kien l-Ilsien tal-Ġenna ta' l-Art li

* Din it-Taħdita nqrat fl-*Akkademja Mużiko-Letterarja* fil-25 ta' Novembru, 1951, fil-Każin tal-Banda Piju X Ħal Lija, fil-Kommemorazzjoni ta' Għeluq il-50 sena mill-mewt ta' Annibale Preca.

minnu kienu tnisslu l-ilsna kollha tad-dinja. Il-filoloġija kienet għadha ma ħarġetx minn din id-daqsxejn ta' rokna biex tinfirex fuq il-kamp ta' ilsna oħra u fergħat djalettali. Kienu mbagħad it-teoriji ta' Leibnitz u dawk ta' Bopp u mbagħad fl-aħħar ta' Grimm li bejn is-seklu tmintax u s-seklu dsatax kienu farrku t-teoriji qodma ta' l-iskola qadima bil-preġudizzi tagħha u wrew il-ħtieġa li jinġabru fatti u materjali lingwistiċi minn ilsna ħajjin u jitwaqqfu sistemi ġodda ta' studji komparattivi—metodu li fl-aħħar twettaq bl-istudju ta' Max Müller u oħrajn.

Il-moħħ ta' PRECA ma kienx għadu ntgħaġen bil-prinċipji u bl-applikazzjonijiet ta' dik l-iskola l-ġdida li kienet nibtet fi żmienu. Il-filoloġija tiegħu kienet għalhekk mibnija fuq dik l-iskola l-qadima li kienet taħdem id-disezzjonijiet ta' l-istudji filoloġiċi tagħha iktarx fuq ilsna midfuna milli fuq ilsna ħajja u djaletti tagħhom sew semitiċi kemm neo-latini. B'dana kollu PRECA taħt iċ-ċirkustanzi mwiegħra ma nistgħux ingħidu li ma kellux il-merti tiegħu fl-istudji li għamel. Jekk forsi ma nistgħux ngħidu li xjentifikament PRECA huwa etimoloġiku, wisq inqas nistgħu ngħidu li huwa lingwistiku — iżda mbagħad ma nistgħux ngħidu li meta tagħsar l-istudji tiegħu fihom ma għandekx issib it-tajjeb u mat-tajjeb dak li etimoloġikament jixhed xi fdalijiet ta' dak l-ilsien li bih il-poplu Malti kien jitkellem qabel ma l-influwenza tal-ħakma Għarbija f'Malta kif ukoll ir-relazzjonijiet li Malta kellha mal-kosta tal-Barbarija u ma' Sqallija, kienu biddlu s-sura organika tal-lsien Malti u maż-żmien tawhom l-għamla tal-Lsien Malti tal-lum.

PRECA, fl-ewwel xogħol filoloġiku tiegħu: "Saggio intorno alla lingua Maltese come affine all'Ebraico" kien saħansitra stqarr illi l-ilsien Malti fil-biċċa l-kbira jixbaħ lill-ilsien Għarbi, iżda fisser ukoll illi dan ix-xebh ġej mill-influwenza Għarbija fuq dak il-lsien ewlieni li kien hawn qabel fil-gżejjer ta' Malta u li ma nxtorobx u li ma nqeredx għal kollox, u b'hekk il-lsien Malti fil-waqt li żamm xi karatteristiċi primitivi li jagħżluh mill-Għarbi, issawwar f'ilsien għalih kif issawru għalihom ħafna mill-ilsna Ewropej, li l-lum insejħulhom romanzi. u li jingħażlu miċ-ċipp ta' lsienhom, il-lum iktarx mejjet, u li minnu tnisslu. L-eżami analitiku ta' PRECA, biex isostni t-teorija tan-nisel tal-Malti mil-Lhudi, ma satax taħt

iċ-ċirkostanzi storiċi li fihom għamel l-istudji tiegħu jwieġeb bir-reqqa kollha għal dak li titlob il-lingwistika tal-lum. Li kieku PRECA laħaq twieled u għax ftit iktar tard, it-teoriji tiegħu kienu jkunu wisq aħjar għaliex il-kamp tal-ġenju tiegħu bit-tħejjija tal-prinċipji fondamentali li kellu ta' l-ilsna orjentali kien sata' jitwassa' u jilqa' dawk il-metodi u applikazzjonijiet xjentifiċi ġodda li fuqhom imxew studjużi bħalu bla ma stmerrew li jitilqu l-preġudizzi ta' l-iskola qadima li fuqha kienet mibnija l-filoloġija tas-seklu sbatax fuq it-tagħlim tal-letteratura klassika tal-Grieg u tal-Latin.

B'dana kollu, nixtieq intenni illi l-istudji filoloġiċi ta' PRECA, għalkemm il-lum, bħalma xi wħud jaħsbu, huma biċċa għodda qadima li ma tantx tiswa biex naħdmu biha filkamp tal-filoloġija komparata, għandha, fl-etimoloġiji ta' xi kliem fossilizzat Malti s-sinjali ta' saff tal-lsien semitiku qadim li ma nxtorobx għal kollox mill-evoluzzjonijiet storiċi u etnografiċi li għadda minnhom ilsien ta' nies li għammru f'dawn il-gżejjer mill-inqas minn żmien il-Feniċi u l-Kartaġiniżi — sinjali li jidhru l-iktar fl-ismijiet topografiċi jew ta' xi postijiet fil-gżira, ismijiet li ma setgħux jitherrew jew jitmermru bilġri f'ħalq il-Malti u jinxtorbu saħansitra mill-Għarbi li, kif jidher, kellu l-aqwa setgħa fuq ilsienna, bħala lsien, li kif naħsbu, kien ta' l-istess ġebbieda. U dana, sa ċertu pont, jidher imwettaq minn xi fatti fonetiċi u morfoloġiċi, kif ukoll lessikali, li ma għandniex xi ngħidu, tgħoddhom fuq subgħajk, imma li baqgħu mwaħħlin f'ilsienna biex jixhdu l-bċejjeċ fossilizzati fl-ewwel sfuf tal-lsien Malti, minn żminijiet li forsi bilkemm huma mfakkrin mill-istorja.

Hemm min iktarx jaħseb li PRECA kien iktar jaf Lhudi milli Għarbi u għalhekk ma satax fl-istudji tiegħu jgħożż u jagħżel ix-xebh tal-Għarbi mal-Malti. Għal dik li hi morfoloġija Għarbija nistgħu ngħidu iżda li fil-ktieb tiegħu "Malta Cananea" l-aqwa biċċa xogħol filoloġika fuq nisel il-Malti huma l-Prolegomeni ta' l-Ewwel Taqsima fejn wera li l-morfoloġija Għarbija jafha biżżejjed u ma satax ma japprezzax ix-xebh tal-morfoloġija tal-Għarbi iżjed minn tal-Lhudi ma' dik ta' l-ilsien Malti. Bħal ma kien osservalu l-Professur Teza ta' l-Università ta' Pisa f'ittra li kien bagħat lil PRECA fl-1880,

dwar il-"Saggio intorno alla lingua Maltese", ecc., li kien l-ewwel xogħol filoloġiku ta' PRECA, xi partikularitajiet grammatikali tal-Malti ssibhom ukoll fid-djaletti tal-Għarbi ta' Barberija u li PRECA kien xebbah mal-Lhudi (għalkemm ma ssibhomx fil-Għarbi Klassiku u Volgari), u fost oħrajn il-plurali miksurin li huma l-karatteristika partikulari tal-Għarbi u le tal-Lhudi fil-Malti. Fi tweġiba lil Teza, PRECA fisser ruħu aħjar — għalkemm it-tweġiba tiegħu twettaq iktar it-teżi ta' Teza milli tiegħu stess — meta huwa jistqarrlu *illi huwa ma jiċħadx l-Arabismu fil-Malti,* iżda, kif kien fisser f'xi bnadi tal-ktieb li kiteb, l-Għarbi biddel l-ilsien semitiku li bih kienu jitkellmu l-Maltin minn żmien il-Feniċi jew Kartaġiniżi b'mod li tah għamla ġdida magħġuna mill-istorja. U din, skond il-fehma tiegħi, hija l-aqwa apoloġija tat-teżi ta' PRECA dwar il-għamla morfoloġika u lessikali tal-Lsien Malti.

B'hekk ma nistgħux ngħidu illi PRECA fl-istudji tiegħu fuq il-fond semitiku tal-Malti ma setax kellu 'l hawn u 'l hinn xi argumenti mibnijin fuq is-sewwa. Bħalma diġa' għidna, il-fond morfoloġiku u lessikali tal-Malti ma tistax tgħid li hu kollu kemm hu Għarbi.

Mill-banda l-oħra, kif kien semma l-Prof. Saydon fir-relazzjoni tiegħu fil-Kungress Internazzjonali ta' l-Orjentalisti f'Oxford fis-26 ta' Awissu, 1928, fil-Malti hemm 'l hawn u 'l hinn, xi kliem u xi partikularitajiet fonetiċi u grammatikali u vokaliċi li jaqblu iżjed ma' xi fdalijiet lessikali u morfoloġiċi tal-Lhudi milli ma' tal-Għarbi, iżda dan għandna nistqarru, insibuh ukoll 'l hawn u 'l hinn fl-artijiet tal--kosta ta' Barberija (Affrika ta' Fuq) fejn jidher illi qabel ma daħlu l-Għarab hemmhekk, kien hemm, bħal f'Malta, ilsien ieħor semitiku; kamitiku, puniku, libiku jew berberu semmih li trid, li tiegħu għad baqa' xi fdalijiet ta' kliem u espressjonijiet imħalltin mal-Għarbi djalettali ta' dawk il-postijiet, u dan juri, bħal f'ilsien Malti, li l-fond lingwistiku li kien hemm kien ta' saff differenti minn dak tal-Għarbi tal-lum. Fil-Malti, iżda, il-bidla ta' l-influwenza Għarbija fuq il-fond u kostituzzjoni organika tal-Malti kienet wisq inqas qawwija minn dik fuq il-fond u kostituzzjoni ta' l-ilsien semitiku li kien hemm fil-kosta ta' l-Affrika ta' Fuq ma' tul l-evoluzzjoni lingwistika fiż-żewġ postijiet. Il-Malti

tal-lum, fil-kostituzzjoni organika tiegħu, tieħdu bħala fergħa djalettali tal-Għarbi, sew jekk Għarbi Surjan, bħalma jridu Stumme, kemm jekk Għarbi ta' l-Affrika b'xi taħlit mis-Surjan bħalma jridu O. Leary, ma mexiex ma' l-iżvilupp islamiku tal-Għarbi Klassiku, volgari jew djalettali mifrux malkosta kollha ta' l-Affrika ta' Fuq u fil-Palestina, u, għalhekk, infatam minnu, u, imħallat ma' l-element ta' l-ilsna rumanzi u taċ-ċiviltà ewropea, intgħaġen f'għamla ta' lsien għalih.

Għaldaqstant naħseb li fuq hekk forsi ma qalx is-sewwa għal-kollox ċertu reċensjonista taħt l-inizjali ta' L.S., li kien iktarx il-Patri Ġeżwita Lwiġi Sceikho, meta dan f'apprezzament li għamel tal-ktieb "Malta Cananea" ta' PRECA, f'wieħed millkotba tas-sena 1905, miktubin bil-Għarbi, li joħorġu mill-*Impremerie Catholique* ta' Beirut kien fisser il-fehma tiegħu illi n-nisel tal-Malti huwa kollu kemm hu Għarbi, u mhux Lhudi Kanagħni, bħalma jrid PRECA.

Jekk tneħħi xi deduzzjonijiet zopop ta' xebh morfoloġiku u fonetiku, jekk tneħħi xi etimoloġji fil-vokabularju tat-Tieni Taqsima u l-etimoloġiji ta' xi ismijiet toponimiċi u ta' kunjomijiet Maltin li huma iktarx mibnijin fuq il-widna milli fuq il-kriterji lingwistiċi — l-iktar li jtellfu l-valur xjentifiku tax-xogħol fil-"Malta Cananea" — għandna nsibu li x-xogħol ta' PRECA fih il-valur intrisiku tiegħu bħala l-ewwel trattat tan-natura u kostituzzjoni organika tal-Malti. Għandna nġibu quddiem għajnejna li PRECA, minn banda, twieled qabel iż-żmien biex sata' jagħtina xogħol filoloġiku, sħiħ u xjentifiku, u mill-banda l-oħra sebaq iż-żminijiet biex sata' jagħtina biċċa xogħol ta' studju filoloġiku li bl-imperfezzjonijiet tiegħu kollha huwa l-prototip ta' studju fuq l-istruttura jekk mhux organika għall-inqas skeletrika tal-Malti.

PRECA, fl-istudji tiegħu, ma kellu l-għajnuna ta' ħadd ħlief l-għajnuna ta' moħħu u tat-tagħmira tal-għerf tiegħu fil-lingwi li studja waħdu. Bħala surmast — li kienet il-karriera professjonali ta' żgħożitu — moħħu kien mgħammar tajjeb, b'mod li l-lum kien iġib għira lil sħabu u bil-għerf ta' l-iskola qadima tiegħu kien jista' jarfa' u jżejjen il-ġieħ tal-professjoni pedagoġika sabiħa tagħhom.

PRECA fi tfulitu kien tgħallem il-Liċeo u, meta mbagħad, daħal surmast fl-iskejjel primarji tal-Gvern baqa' jistudja, u għalkemm kien jaf b'ħafna lingwi, fosthom bit-Taljan, bl-In-

Għiż, bil-Franċiż, bil-Latin u bl-Ispanjol, tgħallem, waħdu l-Lhudi, l-Għarbi u xi ftit ukoll il-Grieg u dawn servewh bħala biċċa għodda tajba fl-istudji komparattivi li għamel fuq in-nisel tal-Malti.

Fuq il-mertu letterarju tiegħu bħala kittieb tal-Malti sa nkellimkom ħaddieħor. Is-sengħa kbira tiegħu fil--kitba tal-Malti kienet li fetħitlu t-triq u ħajritu għall-istudju filoloġiku tal-Malti. Fejn lil ħaddieħor kienet forsi il-poeżija Maltija li wara snin ħajritu jgħarbel il-kliem Malti u jistudjah fl-etiomoloġija tiegħu — ħaġa li iktarx ma tiltaqax magħha fi studjużi ta' lingwi oħra — lil PRECA kienet il--kitba tal-proża li ħajritu jistudja u jistħarreġ fuq in-nisel tal-Malti. L-ewwel xogħol fillologiku tiegħu, kif semmejna qabel, kien is-"Saggio intorno alla Lingua Maltese, ecc.," li hu kien kiteb u ħareġ fil-*Fedee Azione* fis-Sajf ta' l-1870, għaxar snin qabel is-sistema ta' l-Alfabet Fonetku tax-Xirka Xemïia, li fiha kellu l-akbar sehem; u t-tieni u l-aħħar xogħol tiegħu ta' din il-għamla, miktub wisq iżjed fil-wisa' kien il-"Malta Cananea" li swielu mal-10 snin xogħol u li kien beda jistampahulu s-Sur Fonz Marija Galea, student tiegħu, u li PRECA ma kellux ix-xorti li jarah ippublikat fi ktieb.

Il-kommenti kritiċi li hemm fl-aħħar ta' dan il-ktieb huma dwar il-"Saggio", li PRECA kien laħaq ħareġ f'ħajtu bi spejjeż tal-Monsinjur Kanonku Dr. Pawlu Pullicino, Direttur ta' l-Iskejjel Primarji. L-ewwel kommenti fuqu huma ta' l-istess Pullicino li f'ittra mibgħuta lilu fit-30 ta' Awissu, 1879, kien talbu jiġbor dan ix-xogħol fi ktieb,fejn ukoll urieh il-ħtieġa li jwettaq aħjar l-element Lhudi li kien hemm fi-Malti li jagħżlu mill-element Għarbi. Fuq hekk PRECA żied iż-żewġ Appendiċi li hemm f'dan l-ewwel xogħol filoloġiku tiegħu.

Kommenti oħra kritiċi ta' ċertu valur, kif diġà semmejna, kienu tal-Professur Emilo Teza f'ittra mibgħuta lil PRECA fil-10 ta' Ottubru, 1880, u li għalihom wieġeb PRECA fl-istess xahar. Kommenti u reċensjonijiet kienu saru minn xi ġurnali ukoll ta' dak iż-żmien, fosthom *ir-Risorgimento, il-Malta Times and United Services, il-Malta Standard, il-Diritto di Malta, L'Amico del Popolo* u *Il Corriere Mercantile.*

L-osservazzjoniiet ta' xi kritiċi ta' PRECA aħna fissirniehom u magħhom żidna tagħna. Intom li smajtuhom tistgħu l-lum

tapprezzawhom iżjed minn dawk ta' żmienu. Fi żmien wieħed u sebgħin sena mill-pubblikazzjoni ta' l-ewwel xogħol u sebgħa u erbgħin sena mill-pubblikazzjoni tat-tieni xogħol tiegħu dwar innisel tal-Malti u x-xebh li għandu ma' l-ilsna semitiċi u ħamsin sena mill-mewt tiegħu intqalu u nkitbu bosta kommenti fuq dawn l-istudji tiegħu filoloġiċi, li kienu, tista' tgħid, l-ewwel xogħol magħmul hekk fil-wisa' u fid-dettalji fl-istorja tal-lingwistika Maltija —kommenti li saru sew f'konversazzjonijiet, sew f'dissrtazzjonijiet kemm ukoll f'rivisti u ġurnali. Min kemmex xufftejh, min faħħar, min maqdar,—iżda l-isbaħ kumment, l-isbaħ tweġiba tal-għożża u qima li għandna tax-xogħol ta' PRECA għal ġieh il-Malti, bħala lsien miktub, kif ukoll għal-lingwistika Maltija, hija din il-laqgħa tagħna li fiha ġejna biex infakkru fi bniedem li ħadem għal Malta u għall-Malti—fqir u żgħir ġewwa daru u għani u kbir fil-moħħ u fil-qalb.

L-isem ta' PRECA, bħala filologu, mhux inqas minn ta' dawk li qablu studjaw il-Malti fin-nisel u fil-għamla organika tiegħu, irrid ingħid minn ta' dawk l-istudjużi Maltin ta' qablu, biex ma nsemmix il-barranin; għandna, iżda, ngħidu li fix-xjenza tal-lsien Malti, PRECA mexa wisq iżjed 'il quddiem minnhom, u jekk il-lum ma nistgħux inqiegħdu ismu ma' l-istudjużi tal-filoloġija Maltija tal-lum, għandna għallinqas ngħożżuh, bħalma fissirt hawn fil-bidu ta' din id-daqsxejn ta' taħdita tiegħi u ngħodduh bħala wieħed mill-ewlenin li, għaż-żmien u għaċ-ċirkustanzi li għax fihom, waqqaf l-istudju filoloġiku tal-Malti.

Bħalma xjenzjati ta' qabel żmienu, ta' l-iskola qadima tal-mediċina, kirurġija u storja naturali nistgħu ngħodduhom bħala l-fondaturi ta' waħda jew l-oħra mill-fergħat, li l-lum bit-teoriji ta' l-iskola l-ġdida tawna speċjalisti tax-xjenza moderna, hekk lil PRECA nistgħu, jekk mhux il-fondatur, ngħodduh għallinqas il-Prekursur tal-istudju lingwistiku tal-lum fil-Malti, u, bħalma dawk l-ispeċajlisti għalkemm il-ħila tagħhom tisboq lil tax-xjuħ ta' qabilhom, ma jistgħux ma jħarsux lura, ma jneħħux il-kappell u b'qima kbira, ibaxxu rashom lejn il-figura ta' dawk il-bennejja qodma tax-xjenza tagħhom, hekk ukoll il-lum aħna, nies ta' l-iskola l-ġdida li mexjin fit-triq li fetħilna PRECA, inħossu d-dmir li nneħħu l-kappell u nbaxxu rasna bl-akbar qima u tislima lejn il-figura ta' ANNIBALE PRECA, bħala missier ta' l-istudju filoloġiku tal-Malti.